**10 ta' Novembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Calleja

**Ħamiem — Inkonvenjent — Piena — Art. 112 u 316 tal-Kap. 13.**

*Ma jistgħux jinżammu ħamiem, meta jkun hemm oġġezzjoni tal-ġirien minħabba mard jew raġuni oħra tajba, jew il-projbizzjoni tal-Pulizija.*

*Din id-dispożizzjoni hija applikabbli anki jekk si tratta minn annimal wieħed, u jkun fejn ikun sitwat il-fond li fih jinżammu dawk l-annimali.*

*F'każi fejn ic-cirkustanzi jeżiġu li l-inkonvenjent jitneħħa mill-aktar fis, jixraq li l-penali mposta fis-sentenza għal kull jum ta' ritard fit-tneħħija tal-inkonvenjent tkun aktar*

*qawwija mill-minimum, sabiex l-imputat, speċjalment jekk ikollu mezzi finanzjarji, ma jkomplix fl-abbuż tiegħu u jeludi l-liġi billi jikkuntenta li jinkorri l-penali għal ċertu żmien b'somma ferm modika, basta jagħmel it-tornakont tiegħu u jivvessa lill-ġirien.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-ewwel ta' Ottubru 1962 l-imsemmi Calleja ġie misjub ħati talli żamm numru ta' ħamiem fuq il-bejt tal-fond tiegħu f'Birkirkara meta kien hemm oġġezzjoni mill-ġirien minħabba mard, u ġie kundannat għall-ammenda ta' 10s. u ġie mogħti tmien tijiem żmien biex juniforma ruħu mall-liġi taħt penali ta' 2s.6d. għal kull jum ta' nuqqas;

L-imputat appella u talab li jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell hu biss fuq pont legali, li jinvolvi l-interpretazzjoni tal-art. 112 tal-Kap. 13 Ediz. Riveduta. Fuq il-fatti ma hemmx kuntrast;

L-appellant jippretendi li l-proviso tal-aħħar tal-art. 12 japplika biss għall-postijiet imsemmijin fit-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, li fosthom ma tidħolx Birkirkara. Din l-interpretazzjoni, però, ma hix aċċettabbli. Għall-aħjar espożittiva tal-istat tal-liġi jkun aħjar li wieħed isemmi biss il-ħamiem, ġa ladarba l-fattispeċje hija dik;

Fl-ewwel subartikolu jingħad li ma jistgħux jinżammu ħamiem f'kerrejja "wherever situate", ċjoè bla distinzjoni tal-belt, villaġġ, eċċ., fejn tkun il-kerrejja. Mbgħad, fit-tieni subartikolu r-riferenza hi għal kwalunkwe fond, kerrejja jew le; u jingħad li fil-limiti msemmijin f'dak is-subartikolu, li fosthom ma tissemmix Birkirkara, ma jistgħux jinżammu aktar minn sit ħamimiet bla liċenza tal-Awtorità Sanitarja. Konversament jiftiehem "a contrario sensu" li ma hemmx bżonn din il-liċenza jekk in-numru, anki f'dawn il-limiti, ma jkunx aktar minn sitta, jew inkella jekk il-fond ma jkunx f'dawk il-limiti. Mbgħad hemm il-proviso immedjatament segwenti (l-ewwel wieħed), li jiddisponi li ebda ħamiema (mela anki jekk anqas minn sitta) ma tista' tinżamm f'dawk il-limiti jekk, fil-fehma tal-Awtorità Sani-

tarja, ikun hemm ħsara għas-saħħa ta' xi persuna fil-fond stess jew tal-ġirien;

Mela, sa issa baqa' mhux provdut għal fond li ma hux kerrejja (u fil-każ in ispeċje ma hux kerrejja), u li ma hux f'dawk il-limiti, u ntant ikun hemm l-oġġezzjoni *tal-ġirien* minħabba s-saħħa jew xi raġuni *oħra* tajba, jew il-projbizzjoni tal-Pulizija. Anzi, il-każ ta' oġġezzjoni minħabba raġuni tajba (anki mhux mard), jew projbizzjoni tal-Pulizija, baqa' mhux provdut anki *għal fond f'dawk il-limiti*, peress li l-ewwel proviso jirriferixxi biss għall-każ ta' ħsara għas-saħħa. Il-lakuna, li diversament kien ikun hemm, ġiet kolmata bit-tieni proviso, li, għandu jiġi notat, a *differenza* tal-proviso ta' qabel, ma *jgħidx* "on any premises within the said limits", imma hu bla ebda limitazzjoni simili; u għalhekk, fil-ġeneralità tiegħu, japplika anki għal annimal wieħed, jew fond imqiegħed *fi kwalunkwe* belt, villaġġ, eċċ. meta, s'intendi, jkun hemm l-oġġezzjoni tal-viċin minħabba mard jew raġuni oħra tajba, jew il-projbizzjoni tal-Pulizija. Kieku dan il-proviso kien, kif *tippretendi d-difiża*, ristrett għall-postijiet jew limiti msemmija fil-proviso ta' qablu (li, jerġa' jingħad, fih il-kliem "in any premises within the said limits", li ma hemmx fit-tieni proviso, *allura l-każ ta'* oġġezzjoni tal-viċin minħabba saħħa *kien* ikun superfluwu, għaliex ġa viżwalizzat, jew almenu kompriż, fl-ipotesi tal-proviso ta' qabel, li tikkontempla wkoll il-każ ta' preġudizzju għas-saħħa tal-viċin, mentri, *skond il-prinċipji* tal-ermenewtika, kull superfluwità fil-liġi għandha tiġi evitata. Hu ċar li, mentri l-ewwel proviso bil-kliem "in any premises within the said limits" hu konkatenat mat-*tieni* subartikolu, it-tieni proviso hu stakkat mit-tieni subartikolu, għax ma jirripetix dik il-limitazzjoni u jirritorna għall- applikazzjoni normali, ċjoè dik ġenerali. Del resto, hu ovvju li l-oġġezzjoni ġusta tal-viċin għandha tiġi meqjusa hu fejn hu l-post li fih ikun hemm annimal jew annimali oġġezzjonati; u kien għalhekk li l-liġi ma għamletx, f'dan il-proviso, l-istess restrizzjoni li kienet għamlet *fil-proviso* ta' qabel;

Għalhekk l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata hi konfermata. It-terminu ta' tmien tijiem *jibda* jgħaddi millum;

Din il-Qorti tosserva, "per modum regulae", illi f'każijiet simili, li fihom *iċ-ċirkustanzi jeżiġu* li l-inkonvenjent

jitneħħa mill-aktar fis, il-penali, li skond il-liġi (art. 316 Kap. 13) tista' tasal sa £2 kull jum, tkun aktar qawwija minn 2s.6d. kull jum, sabiex l-imputat (speċjalment jekk ikollu mezzi finanzjarji) ma jsibx mod kif ikompli fl-abbuż tiegħu u jeludi l-liġi billi jikkuntenta li jinkorri penali għal ċertu żmien f'somma ferm modika, basta jagħmel it-tornakont tiegħu u jivvessa l-viċin, tanto pjù li l-Qorti tkun ġa tagħtu terminu raġjonevoli bla penali.